

Brussell, 26 ta' Frar 2026
(OR. en)

6799/26

EF 50
ECOFIN 265
DELECT 38

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1076 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'24.2.2026 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/63 fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ta' ċerti istituzzjonijiet, it-tħassir ta' indikatur tar-riskju u modifiki proċedurali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 1076 final.

Mehmuż: C(2026) 1076 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.2.2026
C(2026) 1076 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.2.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/63 fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ta' ċerti istituzzjonijiet, it-tħassir ta' indikatur tar-riskju u modifiki proċedurali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Skont l-Artikolu 100 tad-Direttiva 2014/59/UE¹ (BRRD), l-Istati Membri stabbilew arranġamenti ta' finanzjament nazzjonali ("fondi ta' riżoluzzjoni") għall-fini li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tal-għodod u s-setgħat ta' riżoluzzjoni. F'konformità mal-Artikolu 102 tad-Direttiva 2014/59/UE, l-Istati Membri kellhom jibnu progressivament il-fondi ta' riżoluzzjoni, billi jiġbru kontribuzzjonijiet *ex ante* mill-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment ("istituzzjonijiet"), tul perjodu inizjali li ntemm fil-31 ta' Diċembru 2024, sakemm intlaħaq il-livell fil-mira ta' mill-inqas 1 % tad-depożiti koperti totali tal-istituzzjonijiet kollha awtorizzati fit-territorju tagħhom.

Bl-istess mod, fl-Unjoni Bankarja, ġie stabbilit Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (SRF) skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014² (SRMR). Il-SRF kellu jilħaq il-livell fil-mira tiegħu ta' mill-inqas 1 % tad-depożiti koperti tal-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha awtorizzati fl-Istati Membri parteċipanti kollha, sal-31 ta' Diċembru 2023.

Skont, rispettivament, l-Artikolu 102(3) tal-BRRD u l-Artikolu 69(4) tal-SRMR, jekk il-mezzi finanzjarji disponibbli tal-fondi ta' riżoluzzjoni, jew tal-SRF, jaqgħu taħt il-livelli fil-mira tagħhom, il-kontribuzzjonijiet *ex ante* annwali mill-istituzzjonijiet iridu jergħu jibdwew sakemm jerġa' jintlaħaq il-livell fil-mira.

Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014³ (ir-"RD") jirregola l-kalkolu u l-ġbir tal-kontribuzzjonijiet li għandhom jitħallsu mill-istituzzjonijiet lill-fondi ta' riżoluzzjoni.

Il-bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-Livell 1 — b'mod partikolari l-emendi fil-BRRD u l-adozzjoni tar-reġim prudenzjali l-ġdid għad-ditti tal-investment bir-Regolament (UE) 2019/2033⁴ (IFR) u d-Direttiva (UE) 2019/2034⁵ (IFD) -, ħolqu l-ħtieġa li jiġi rivedut ir-RD biex jinżamm allinjat mal-leġiżlazzjoni emendata. Barra minn hekk, l-esperjenza fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet matul il-perjodu inizjali wriet il-ħtieġa għal ċerti emendi fil-proċess tal-ġbir. Fl-istess ħin, ir-reviżjoni proposta għandha l-għan li tilħaq l-oġettivi usa' tal-Unjoni li tiżgura l-proporzjonalità, tissimplifika l-qafas regolatorju u tnaqqas il-piż amministrattiv.

¹ Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-risoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190–348.

² Ir-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-risoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Risoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU L 225, 30.7.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/806/oj>).

³ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni, ĠU L 11, 17.1.2015, p. 44.

⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar ir-rewiżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014, ĠU L 314, 5.12.2019.

⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-superviżjoni prudenzjali tad-ditti tal-investment u li temenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (IFD).

Emenda fl-Artikolu 3(2) — Definizzjoni ta' ditti tal-investment u ta' awtorità kompetenti

L-Artikolu 3(2) tar-RD jistabbilixxi d-definizzjoni ta' ditti tal-investment għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-fondi ta' riżoluzzjoni. Id-definizzjoni attwali tirreferi għad-definizzjoni ta' ditti tal-investment fl-Artikolu 2(1), il-punt (3), tal-BRRD, li min-naħa tagħha tagħmel kontroreferenza għad-definizzjoni fir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital⁶ (CRR) u l-livell limitu tal-kapital fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE⁷ (CRD IV). L-Artikolu 3(2) tar-RD ikompli jnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni billi jeskludi ċerti ditti tal-investment soġġetti għal rekwiżiti kapitali aktar baxxi skont l-Artikolu 96(1) tas-CRR, kif ukoll ditti li joperaw faċilitajiet multilaterali tan-negożjar f'konformità mal-punt 8 tal-Anness I, it-Taqsima A tad-Direttiva 2014/65/UE (MiFID II)⁸, sakemm ma jwettqux ukoll ċerti attivitajiet speċifiċi aktar riskjużi (bħan-negożjar f'isimhom stess, is-sottoskrizzjoni jew it-tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod). Kif spjegat fil-Premessa 3 tar-RD, is-setgħa li tiġi stabbilita l-metodoloġija tal-kontribuzzjoni għal dawn id-ditti tal-investment, li huma esklużi mid-DR iżda huma soġġetti għall-BRRD, titħalla f'idejn l-Istati Membri.

Mill-adozzjoni tar-RD, il-qafas prudenzjali applikabbli għad-ditti tal-investment ġie rivedut permezz tal-adozzjoni tal-IFR u l-IFD, li introduċew reġim prudenzjali ġdid għad-ditti tal-investment. B'mod partikolari, id-definizzjoni ta' ditti tal-investment fil-BRRD ġiet emendata bl-Artikolu 63 tal-IFD biex tiġi allinjata ma' dan ir-reġim il-ġdid. B'riżultat ta' dan, l-Artikolu 2(1), il-punt (3), tal-BRRD issa jirreferi għal ditti tal-investment kif definiti fil-punt (22) tal-Artikolu 4(1) tal-IFR.

Id-definizzjoni ta' "ditta tal-investment" fil-punt 22 tal-Artikolu 4(1) tal-IFR min-naħa tagħha tirreferi għad-definizzjoni ta' ditta tal-investment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tal-MiFID II. Fid-definizzjoni ta' ditti tal-investment tal-BRRD, il-kamp ta' applikazzjoni huwa ristrett aktar għad-ditti tal-investment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tal-IFD biss (jiġifieri r-rekwiżit kapitali inizjali ta' mill-inqas EUR 750 000 u l-awtorizzazzjoni biex jipprovdu servizzi ta' investment u jwettqu attivitajiet skont il-MiFID II ta' negożjar f'isimhom stess u sottoskrizzjoni jew tqegħid fuq bażi ta' impenn sod — l-attivitajiet 3 u 6 tal-Anness I, it-Taqsima A tal-MiFID II.,

Dawn id-ditti, li normalment jissejħu, fil-prattika superviżorja, ditti tal-investment tal-Klassi 1 u tal-Klassi 2, huma awtorizzati jwettqu servizzi u attivitajiet assoċjati ma' riskju finanzjarju u operazzjonali aktar sinifikanti. Id-ditti tal-investment b'rekwiżiti kapitali inizjali aktar baxxi minn dak previst fl-Artikolu 9(1) tal-IFD, li huma tipikament żgħar u mhux interkonnessi u li ma jwettqux l-attivitajiet 3 u 6 tal-Anness I, it-Taqsima A tal-MiFID II (komunement imsejħa ditti tal-Klassi 3), ma jinqabdux mid-definizzjoni ta' ditti tal-investment skont il-BRRD.

⁶ Ir-Regolament (UE) 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1-337.

⁷ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, ĠU L 176, 27.6.2013, p. 338-436.

⁸ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni), ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349-496.

Sabiex jinżamm il-kamp ta' applikazzjoni oriġinali tar-RD, li kif spjegat, huwa idjaq mill-kamp ta' applikazzjoni tal-BRRD, huwa meħtieġ li d-definizzjoni tiġi aġġustata għall-emendi leġislattivi li saru.

Minħabba li d-ditti awtorizzati biss biex joperaw faċilità multilaterali tan-negozjar (l-attività 8 tal-Anness I t-Taqsima A tal-MiFID II) mingħajr ma jwettqu wkoll l-attivitajiet 3 jew 6, ma għadhomx koperti mid-definizzjoni riveduta ta' ditta tal-investment fil-BRRD, l-esklużjoni korrispondenti fl-Artikolu 3(2) tar-RD ma għadhiex meħtieġa u għalhekk qed titneħħa.

B'kuntrast ma' dan, l-esklużjoni ta' ditti li bħalissa huma koperti mill-Artikolu 96 CRR tibqa' rilevanti. Madankollu, bis-saħħa tal-emendi fis-CRR, l-Artikolu 96 tas-CRR mhux se jibqa' jkollu effett mis-26 ta' Ġunju 2026. Il-kontroreferenza għal din id-dispożizzjoni għalhekk issir ineffettiva wara dik id-data. Sabiex jiġi żgurat li l-kamp ta' applikazzjoni tar-RD fir-rigward tad-ditti tal-investment jibqa' l-istess wara dik id-data, dan ir-Regolament jinkorpora d-deskrizzjoni sostantiva tal-kategoriji tad-ditti tal-investment ikkontemplati fl-Artikolu 96(1)(a) u (b) tas-CRR⁹ fid-definizzjoni emendata.

L-IFD introduċa wkoll definizzjoni ġdida ta' awtorità kompetenti għas-superviżjoni tad-ditti tal-investment soġġetti għall-qafas prudenzjali stabbilit mill-IFD u l-IFR. Id-definizzjoni ta' awtorità kompetenti fir-RD għandha għalhekk tiġi emendata skont dan biex tinkludi din l-awtorità kompetenti u biex tiżgura li tikkoopera mal-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni kif meħtieġ mir-RD.

B Modifika tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ta' ċerti istituzzjonijiet (ditti tal-investment)

L-introduzzjoni tal-qafas prudenzjali l-ġdid għad-ditti tal-investment mill-IFR u l-IFD, li sar applikabbli mis-26 ta' Ġunju 2021, ħolqot il-ħtieġa li r-RD jiġi emendat ukoll għal dan li ġej.

Ċerti ditti tal-investment kbar — li għandhom assi konsolidati totali sa 15-il biljun — ma għadhomx meħtieġa jikkonformaw mas-CRR u mas-CRD, u ma għadhomx meħtieġa jirrapportaw l-informazzjoni relatata lill-awtoritajiet kompetenti. Għaldaqstant, dawn id-ditti tal-investment ma għadhomx obbligati jirrapportaw għal finijiet prudenzjali l-informazzjoni li hija meħtieġa għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikoli 5 sa 9 tar-RD.

Din il-kwistjoni tikkonċerna d-ditti tal-investment magħrufa bħala ditti tal-investment tal-“Klassi 2”¹⁰, li issa ma għadhomx jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-CRR/CRD iżda xorta

⁹ L-Artikolu 96(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jgħid:

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 92(3), il-kategoriji li ġejjin ta' ditti tal-investment li jżommu kapital inizjali skont l-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2013/36/UE għandhom jużaw il-kalkolu tat-total tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju speċifikat fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu:

(a) ditti tal-investment li jinnegozjaw f'isimhom stess għar-raġuni unika ta' twettiq jew għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' klijent jew bil-għan li jiksbu aċċess għal sistemi tal-ikklerjar u saldu jew għal borża rikonoxxuta meta jaġixxu f'kapaċità ta' aġenzija jew jeżegwixxu ordni ta' klijent;

(b) id-ditti tal-investment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) li ma jżommu flus jew titoli tal-klijenti;

(ii) li jwettqu biss negozjar għall-kont proprju;

(iii) li ma jkollhomx klijenti esterni;

(iv) fejn it-tranżazzjonijiet tagħhom ta' eżekuzzjoni u s-saldu jseħħu taħt ir-responsabbiltà ta' istituzzjoni tal-ikklerjar u jkunu ggarantiti minn dik l-istituzzjoni ta' ikklerjar

¹⁰ Id-Ditti tal-investment tal-Klassi 2 huma kategorija residwa li tinkludi ditti tal-investment li ma jaqgħux taħt ditti tal-investment tal-Klassi 1 jew taħt ditti tal-investment tal-Klassi 3. Id-ditti tal-investment li

għadhom, madankollu, soġġetti għall-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju, f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 tar-RD.

Peress li dawn id-ditti huma ġeneralment inqas sistemiċi minn istituzzjonijiet akbar, għandhom ikunu soġġetti għal metodu simplifikat ta' kalkolu tal-kontribuzzjonijiet. Għalhekk, dawn se jkunu soġġetti għall-kontribuzzjoni annwali bażika, b'sempliċi aġġustament f'konformità mal-Artikolu 5 tar-RD (tnaqqis). Barra minn hekk, dawn id-ditti tal-investment tal-Klassi 2 se jkollhom l-għażla li jitolbu l-applikazzjoni tal-aġġustament tar-riskju addizzjonali skont l-Artikoli 6 sa 9 tar-RD, jekk id-ditta tal-investment tipprovdi biżżejjed evidenza li l-ammont tal-kontribuzzjoni kkalkolat f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 ikun aktar baxx mill-ammont ikkalkolat f'konformità mal-Artikolu 5 biss. F'dak il-każ l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tapplika l-inqas ammont. Dan l-approċċ huwa proporzjonat għan-natura ta' riskju baxx tal-biċċa l-kbira ta' dawn id-ditti tal-investment kemm f'termini ta' piż tar-rapportar, peress li tkun trid tiġi rrapportata biss ftit data skont l-Artikolu 5, u f'termini kwantitattivi, peress li l-aġġustament tar-riskju addizzjonali japplika biss jekk jirriżulta f'kontribuzzjoni aktar baxxa

Il-bidla ta' hawn fuq ma għandhiex tikkonċerna ditti tal-investment iżgħar (Klassi 2) li bħalissa huma soġġetti għar-reġim ta' somma f'daqqa previst mill-Artikolu 10 tar-RD li għandu jibqa' japplika għad-ditti tal-investment li jikkwalifikaw għalih. Dan huwa ġġustifikat mid-daqs żgħir ħafna ta' dawk l-istituzzjonijiet (inqas minn EUR 1 biljun f'assi u EUR 300 miljun f'obbligazzjonijiet), li jinvolvi probabbiltà aktar baxxa li jitqiegħdu f'riżoluzzjoni u impatt limitat fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq il-fond ta' riżoluzzjoni f'każ ta' riżoluzzjoni.

Fir-rigward tad-ditti tal-investment tal-Klassi 2 li bħalissa huma soġġetti għall-kontribuzzjonijiet aġġustati għar-riskju, f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9 tar-RD, l-opzjonalità bejn l-applikazzjoni tal-kontribuzzjoni annwali bażika skont l-Artikolu 5 tar-RD jew il-proċess tar-rapportar u l-kalkolu tal-metriċi tas-CRR issegwi approċċ simili għall-Artikolu 10 tar-RD, li jipprevedi l-metodu ta' kalkolu tas-somma f'daqqa għal istituzzjonijiet iżgħar ħafna, minflok il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju, iżda jippermetti lil dawn l-istituzzjonijiet iżgħar jagħżlu metodu ta' kalkolu differenti (kontribuzzjoni bażika aġġustata skont l-Artikolu 5) jekk dan il-metodu jirriżulta f'kontribuzzjoni aktar baxxa (l-Artikolu 10(7) tar-RD). Għad-ditti tal-investment tal-Klassi 2 li jaqbżu l-limiti tal-Artikolu 10(6) tar-RD, kif spjegat, l-opzjonalità tkun li jiġi applikat l-aġġustament tar-riskju skont l-Artikoli 5 sa 9, peress li l-kalkolu skont l-Artikolu 5 ikun ir-reġim normali li japplika għalihom. .

Id-ditti tal-investment li jaqgħu taħt l-Artikolu 5(1) tal-IFD għandhom jikkontribwixxu skont il-metodoloġija tal-aġġustament tar-riskju addizzjonali stabbilita fl-Artikoli 5 sa 9 tar-RD, jekk l-awtorità kompetenti tkun eżerċitat formalment id-diskrezzjoni tagħha skont l-Artikolu 5(1) tal-IFD li tissoġġetta tali ditti tal-investment għar-reqwiziti prudenzjali tal-qafas tas-CRR/CRD. Dawn huma tipikament ditti li d-daqs, l-attivitajiet, jew l-impatt

jwettqu negozjar akkont jew sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod u li j^{il}ħqu ċerti limiti għall-assi konsolidati tagħhom huma kkategorizzati bħala ditti tal-investment tal-“Klassi 1” jew tal-“Klassi 1 minus”. Kemm tal-Klassi 1, awtorizzati bħala istituzzjonijiet ta' kreditu (ara l-punt 1(b) tal-Artikolu 4(1) CRR u l-Artikolu 8a CRD); kif ukoll tal-Klassi 1 minus, awtorizzati bħala ditti tal-investment — (ara l-Artikolu 5(1) IFD kif ukoll l-Artikolu 1(2) u 1(5) IFR) — għadhom soġġetti għar-reqwiziti tas-CRR/CRD. Għalhekk, huma għandhom ikomplu l-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-fondi ta' riżoluzzjoni kif għamlu s'issa, f'konformità mar-RD attwali. Ditti tal-Investment tal-Klassi 3 — jiġifieri meqjusa “żgħar u mhux interkonnessi” biżżejjed — (il-Premessa 17 u l-Artikolu 12 IFR) mhumiex soġġetti għall-BRRD, u għalhekk lanqas għar-RD, minħabba li ma jistgħux iwettqu attivitajiet ta' “negozjar akkont proprju” u “sottoskrizzjoni”.

sistemiku potenzjali tagħhom jiġġustifikaw li jiġu trattati bħall-istituzzjonijiet ta' kreditu, minkejja li ma jilhqax il-limiti tal-assi totali tad-ditti tal-investment tal-Klassi 1. B'mod parallel, id-ditti tal-investment koperti mill-Artikolu 1(5) tal-IFR, li huma parti minn grupp soġġett għal konsolidazzjoni tas-CRR u li jagħżlu (b'approvazzjoni superviżorja) li japplikaw is-CRR fuq bażi individwali, għandhom bl-istess mod jiġu vvalutati għall-kontribuzzjonijiet ta' riżoluzzjoni bl-użu tal-metodoloġija tal-Artikoli 5 sa 9 tar-RD. Peress li fiż-żewġ każijiet dawn id-ditti qed joperaw b'mod effettiv taħt ir-reġim prudenzjali tas-CRR, ma għandhomx jibqgħu soġġetti għall-approċċ personalizzat propost għad-ditti tal-investment tal-Klassi 2, iżda għall-aġġustament tar-riskju skont l-Artikoli 5 sa 9 tar-RD, abbażi ta' metriċi tas-CRR applikabbli u rapportabbli bis-sħiħ. Dan l-approċċ jiżgura koerenza bejn is-superviżjoni prudenzjali u l-aġġustament tar-riskju tal-kontribuzzjonijiet filwaqt li jiġu evitati allinjamenti ħżiena fit-trattament tal-istituzzjonijiet irregolati mis-CRR/CRD.

C Tneħħija tal-indikatur tar-riskju “Fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL”

Minħabba bidliet fil-BRRD, l-indikatur tar-riskju “Fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL” previst fl-Artikolu 6, il-paragrafu 1, tar-RD, sar diffiċli ħafna biex jiġi applikat fil-prattika.

Din id-diffikultà tirriżulta mill-emendi estensivi fil-MREL (Minimum Requirement of Eligible Liabilities - Rekwiżit Minimu ta' Obligazzjonijiet Eliġibbli) introdotti wara li r-RD stabbilixxa dan l-indikatur tar-riskju.

B'mod aktar speċifiku, meta daħal fis-seħħ l-ewwel test tal-BRRD, il-MREL kien rekwiżit ġenerali, applikabbli, fil-prinċipju, għall-istituzzjonijiet kollha kemm fil-livell individwali kif ukoll f'dak konsolidat. Wara l-bidliet sussegwenti introdotti fil-BRRD bid-Direttiva (UE) 2019/879 (BRRD 2)¹¹, u speċjalment bid-Direttiva (UE) 2024/1174 (id-Direttiva Daisy Chains)¹², il-MREL sar imfassal għall-istrateġija ta' riżoluzzjoni speċifika ta' kull istituzzjoni. Dan jimplika, fost l-oħrajn, differenzi fost il-gruppi bankarji fil-livell ta' konsolidazzjoni li fih jiġi applikat l-MREL u/jew differenzi fil-kalibrazzjoni tal-MREL bejn l-istituzzjonijiet allokatu għal-likwidazzjoni minflok ir-riżoluzzjoni (li ma għandhom l-ebda MREL) u l-istituzzjonijiet allokatu għar-riżoluzzjoni, jew bejn il-punt ta' dħul ta' grupp ta' riżoluzzjoni u s-sussidjarji tiegħu, jew, saħansitra, bejn is-sussidjarji. L-indikatur tar-riskju “Fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL” għalhekk ma għadux parametru adattat biex jiġu aġġustati l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha għall-profil tar-riskju tagħhom¹³.

B'mod aktar speċifiku, sar impossibbli li l-istituzzjonijiet kollha jipprovdu l-informazzjoni kollha (punti tad-data) meħtieġa għall-kalkolu tal-indikatur tar-riskju tal-MREL b'mod uniformi u armonizzat. Min-naħa l-oħra, l-indikatur tar-riskju tal-MREL, li huwa biss wieħed minn diversi indikaturi, għandu impatt żgħir ħafna fuq il-kalkolu tal-ammont totali tal-kontribuzzjoni (jiġifieri medja ta' madwar 1 %-3 %). L-aġġustament ta' dan l-indikatur tar-riskju biex jirrifletti l-qafas emendat tal-MREL ikun jeħtieġ reviżjoni sħiħa tad-

¹¹ Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investment u d-Direttiva 98/26/KE, ĠU L 150, 7.6.2019.

¹² Id-Direttiva (UE) 2024/1174 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli, ĠU L, 2024/1174, 22.4.2024.

¹³ L-indikatur tar-riskju “Fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL” jista' jippenalizza lill-istituzzjonijiet identifikati għal-likwidazzjoni, li ma għandhomx MREL, filwaqt li t-tassir tiegħu ma jkollux impatt negattiv fuqhom.

dispożizzjonijiet li jirregolaw l-indikatur u żieda sinifikanti konsegwenti tal-informazzjoni li l-istituzzjonijiet ikunu meħtieġa jipprovdu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jippermettu l-aġġustament ibbażat fuq dan l-indikatur tar-riskju. Dan ikun sproporzjonat meta mqabbel mal-impatt limitat tiegħu.

Barra minn hekk, it-tħassir tal-indikatur tar-riskju tal-MREL ma jimplikax li l-aspetti relatati mal-MREL mhux se jibqgħu jitqiesu meta l-kontribuzzjonijiet jiġu aġġustati għar-riskju. Skont l-Artikolu 6(6) tar-RD, fil-fatt, l-indikatur tar-riskju tar-riżolvibbiltà jrid jiġi vvalutat skont il-Kapitolu II tat-Titolu II tal-BRRD. F'konformità ma' dan il-Kapitolu, u b'mod partikolari, mal-Artikolu 15(2) tal-BRRD, dik il-valutazzjoni tkopri l-kwistjonijiet elenkati fit-Taqsima C tal-Anness tal-BRRD, li ħafna minnhom huma direttament jew indirettament marbuta mal-MREL, u/jew jinfluwenzaw kif l-MREL jiġi kkalibrat u jekk huwiex biżżejjed. B'riżultat ta' dan, l-elementi relatati mal-MREL diġà huma integrati strutturalment fl-indikatur tar-riskju tar-riżolvibbiltà¹⁴.

Wara t-tħassir tal-indikatur tar-riskju tal-MREL, il-kontribuzzjonijiet xorta se jiġu aġġustati għar-riskju abbażi tal-pilastru "Skopertura għar-riskju" previst fl-Artikolu 6, il-paragrafu 2 u l-Artikolu 7, il-paragrafu 2, tar-RD. F'konformità mal-prinċipju ġenerali espress fl-Artikolu 20, il-paragrafu 1, tar-RD, l-indikaturi tar-riskju l-oħra tal-pilastru tal-iskopertura għar-riskju għandhom jiġu riklassifikati proporzjonalment sabiex is-somma tal-piżijiet tagħhom tkun 1.

D Titjib tar-RD fir-rigward ta' ċerti kwistjonijiet proċedurali

Dikjarazzjonijiet mill-ġdid

L-esperjenza fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet fil-perjodu inizjali tal-fondi ta' riżoluzzjoni wriet il-ħtieġa li jiġi ċċarat il-limitu ta' żmien li għandu japplika għall-possibbiltà li jintalbu dikjarazzjonijiet mill-ġdid u reviżjonijiet tal-informazzjoni sottomessa lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, previst fl-Artikolu 17, il-paragrafi 3 u 4 tar-RD. Ir-regolament emendatorju jintroduċi limitu ta' żmien li jibda mid-data li fiha d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni annwali tkun ġiet innotifikata lill-istituzzjoni u jiskadi fil-31 ta' Jannar tas-sena li ssegwi r-raba' perjodu ta' kontribuzzjoni wara dak li fih tkun ġiet innotifikata dik id-deċiżjoni¹⁵.

Dan il-limitu ta' żmien propost, li ma jistax jiġi interrott, għandu l-għan li jipprovdi ċertezza legali u prevedibbiltà lill-istituzzjonijiet u lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, mingħajr ma jorbot il-proċess ta' dikjarazzjoni mill-ġdid mal-perjodi nazzjonali ta' limitazzjoni jew preskrizzjoni, li jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri. Dan il-limitu ta' żmien propost japplika kemm għad-dikjarazzjonijiet mill-ġdid mibdija mill-istituzzjonijiet kif ukoll għal dawk mibdija mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, u d-data ta' skadenza tiegħu fil-31 ta' Jannar hija allinjata mal-iskadenza għar-rapportar tal-informazzjoni rilevanti għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali. Għal raġunijiet ta' ċarezza, dak il-limitu ta' żmien ma għandux jipprekludi lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni milli jużaw stimi jew suppożizzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 17(1) tar-RD meta l-informazzjoni mitluba f'dak il-limitu ta' żmien ma tkunx ġiet ipprovduta mill-istituzzjoni rilevanti fi żmien debitu.

¹⁴ Barra minn hekk, filwaqt li l-Artikolu 103(7) tal-BRRD jelenka fil-punt (f) ir-riżolvibbiltà fost l-elementi li għandhom jitqiesu fl-att delegat, il-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli li jeċċedu l-MREL mhumiex elenkati.

¹⁵ Il-perjodu ssuġġerit (li jammonta għal erba' snin u disa' xhur) jidher li huwa perjodu raġonevoli biex jippermetti dikjarazzjonijiet mill-ġdid peress li jagħti biżżejjed żmien biex jitwettqu l-eżerċizzji addizzjonali ta' verifika tad-data, filwaqt li xorta jiżgura livell raġonevoli ta' ċertezza legali.

Sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni koerenti u proporzjonata għall-perjodu ta' limitazzjoni l-ġdid, tiġi introdotta data speċifika għal talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid li jikkonċernaw il-perjodi ta' kontribuzzjoni qabel id-dħul fis-seħħ tal-perjodu ta' limitazzjoni l-ġdid imsemmi hawn fuq. Għalhekk, ir-regolament emendatorju jipprevedi li t-talbiet kollha għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew revizzjonijiet relatati mal-perjodi ta' kontribuzzjoni qabel il-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026, jistgħu jiġu ppreżentati biss sal-31 ta' Jannar 2031. Dan il-limitu ta' żmien tranżizzjonali japplika bl-istess mod għal talbiet mibdija mill-istituzzjonijiet u mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni.

Tħassir tal-obbligazzjonijiet interbankarji tad-denominatur

Matul il-perjodu inizjali tal-ġbir tal-kontribuzzjonijiet *ex ante*, sar evidenti li d-denominatur tal-indikatur “Sehem mis-selfiet u d-depożiti interbankarji fl-Unjoni Ewropea, li jindika l-importanza tal-istituzzjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru tal-istabbiliment” stabbilit fl-Artikolu 6(4) tar-RD, li huwa l-valur tas-“Self interbankarju u depożiti totali fl-UE” msemmi fil-PASS 1 tal-Anness I tar-RD, mhuwix meħtieġ għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet. Abbażi tal-Artikolu 9 u l-Passi 2 sa 6 tal-Anness I tar-RD, l-istess riżultati — kemm f'termini tal-multiplikatur tal-aġġustament tar-riskju \tilde{R}_n kif ukoll tal-kontribuzzjoni annwali c_n — jinkisbu bl-użu tan-numeratur tal-formula rilevanti biss, jiġifieri l-ammont totali ta' self interbankarju u depożiti interbankarji tal-istituzzjoni. Sabiex jiġi ssimplifikat il-kalkolu u jitnaqqas il-piż amministrattiv relatat, id-denominatur għandu għalhekk jiġi ttrazzjat, flimkien mal-obbligi ta' rapportar korrispondenti għall-awtoritajiet skont l-Artikolu 15 tad-RD. Sabiex jiġi rifless il-fatt li l-indikatur ma għadux jinkludi denominatur, it-terminu “sehem” huwa sostitwit b’“ammont totali”, kemm fl-Artikolu 6(4) kif ukoll fl-Anness I (Passi 1 u 4).

E Emendi fid-dispożizzjonijiet attwali

L-adozzjoni ta' qafas prudenzjali ġdid għad-ditti tal-investment, introdott mill-IFD u l-IFR, teħtieġ l-emenda ta' ċerti definizzjonijiet stabbiliti mir-RD. Id-definizzjoni ta' ditti tal-investment fl-Artikolu 3(2) tar-RD u d-definizzjoni ta' awtorità kompetenti fl-Artikolu 3(8) tar-RD huma għalhekk aġġornati biex jirriflettu d-definizzjonijiet introdotti mill-qafas prudenzjali l-ġdid.

Skont il-qafas prudenzjali l-ġdid għad-ditti tal-investment, id-ditti tal-investment li għandhom ammont totali ta' assi konsolidati taħt ċerti limiti, fil-prinċipju, ma għadhomx soġġetti għar-rekwiżiti kapitali u tal-likwidità stabbiliti mis-CRD u s-CRR. Konsegwentement, il-metriċi addizzjonali tal-aġġustament tar-riskju stabbiliti fir-RD, li huma bbażati fuq dawn ir-rekwiżiti, ma għadhomx japplikaw għal dawn id-ditti tal-investment. Ir-regolament emendatorju għalhekk jistabbilixxi li l-kontribuzzjonijiet tagħhom għandhom jiġu kkalkulati f'konformità mal-aġġustament tar-riskju tal-kontribuzzjoni annwali bażika tagħhom skont l-Artikolu 5. Barra minn hekk, tingħata l-għażla lil dawn id-ditti tal-investment biex jitolbu l-applikazzjoni tal-aġġustament tar-riskju addizzjonali skont l-Artikolu 6 sa 9 tar-RD, fejn l-applikazzjoni ta' dan il-metodu tirriżulta f'kontribuzzjoni aktar baxxa. Fl-aħħar nett, ir-regolament emendatorju jipprevedi żewġ derogi mill-metodu ta' kalkolu ġenerali skont l-Artikolu 5, f'każ li l-awtorità kompetenti tkun iddeċidiet b'mod eċċezzjonali li tapplika għal dawn id-ditti tal-investment — f'konformità mar-reġim prudenzjali applikabbli — ir-rekwiżiti kapitali u tal-likwidità stabbiliti mis-CRD/CRR. F'dawn il-każijiet, isir applikabbli l-aġġustament tar-riskju bbażat fuq il-metriċi relatati mas-CRD/CRR, previsti fl-Artikoli 6 sa 9.

L-applikabbiltà tal-indikatur “Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL” ġiet affettwata minn emendi estensivi għall-MREL introdotti fil-BRRD u, b'riżultat ta' dan, dan l-indikatur tar-riskju ma għadux xieraq biex jiġi applikat b'mod uniformi biex jiġu aġġustati l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha

proporzjonalment mal-profil tar-riskju tagħhom. Għalhekk, ir-regolament emendatorju jipprevedi t-tħassir tal-indikatur tar-riskju tal-MREL u d-dispożizzjonijiet u r-referenzi relatati fl-Artikoli 6 u 7 tar-RD u fl-Anness. Barra minn hekk, jipprevedi r-riklassifikazzjoni tal-piż tar-riskju tat-tliet indikaturi tar-riskju l-oħra fil-pilastru tar-riskju “Skopertura għar-riskju” fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 biex jinżamm il-piż totali ta’ 1 ta’ dan il-pilastru tar-riskju.

Id-denominatur tal-indikatur “Sehem mis-selfiet u d-depożiti interbankarji fl-Unjoni Ewropea, li jindika l-importanza tal-istituzzjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru tal-istabbiliment” stabbilit fl-Artikolu 6, il-paragrafu 4, mhuwiex meħtieġ għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet minħabba li l-istess riżultat jinkiseb bir-rigradazzjoni tan-numeratur skont l-Anness 1, il-Pass 3. Għalhekk, l-obbligu tal-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni li jipprovdu lill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) bl-informazzjoni riċevuta mill-istituzzjonijiet kollha stabbiliti fit-territorju tagħhom relatata mal-obbligazzjonijiet u d-depożiti interbankarji previsti fl-Artikolu 15 tad-DR wera li huwa żejjed biex jiġi kkalkulat id-denominatur ta’ dan l-indikatur. Dan l-obbligu huwa għalhekk imħassar.

Sabiex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà, ġie introdott perjodu ta’ limitazzjoni għall-possibbiltà li jintalbu dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet ta’ informazzjoni jew data sottomessa lill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni. Dan il-limitu ta’ żmien jibda mid-data li fiha d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni annwali tiġi nnotifikata lill-istituzzjoni skont l-Artikolu 13(1) u (2) ta’ dan ir-Regolament u għandu jiskadi fil-31 ta’ Jannar tas-sena ta’ wara r-raba’ perjodu ta’ kontribuzzjoni wara l-perjodu ta’ kontribuzzjoni li fih tkun ġiet innotifikata dik id-deċiżjoni. Jenħtieġ li l-perjodu ta’ limitazzjoni ma jkunx soġġett għal interruzzjoni. Dan il-perjodu ta’ limitazzjoni ġdid għandu japplika mill-1 ta’ Jannar 2026, li jfisser li se jirregola t-talbiet ta’ dikjarazzjoni mill-ġdid relatati mad-deċiżjonijiet ta’ kontribuzzjoni nnotifikati għall-perjodu tal-2026 u ċ-ċikli sussegwenti kollha.

Għall-perjodi ta’ kontribuzzjoni qabel il-perjodu ta’ kontribuzzjoni tal-2026, reġim tranżitorju se jistabbilixxi skadenza fil-31 ta’ Jannar tal-2031 għas-sottomissjoni ta’ talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid. Dan il-perjodu ta’ limitazzjoni ġdid għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament emendatorju għall-perjodi ta’ kontribuzzjoni qabel il-perjodu ta’ kontribuzzjoni tal-2026.

Sabiex tiġi żgurata minnufih konsistenza bejn is-sitwazzjoni legali li tikkonċerna l-indikatur tar-riskju tal-MREL u n-nuqqas ta’ applikazzjoni fattwali mill-awtoritajiet ta’ riżoluzzjoni minħabba n-nuqqas ta’ disponibbiltà tad-data rilevanti, l-emendi li jikkonċernaw it-tħassir tal-indikatur tar-riskju tal-MREL għandhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2026.

Sabiex jiġu minimizzati kemm jista’ jkun malajr il-piżijiet ta’ rapportar għall-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet ta’ riżoluzzjoni, il-bidliet li jikkonċernaw it-tħassir tad-denominatur tal-indikatur “self u depożiti interbankarji” għandhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2026.

Sabiex id-definizzjonijiet tad-ditti tal-investment u tal-awtorità kompetenti jiġu allinjati malajr kemm jista’ jkun mad-definizzjonijiet il-ġodda fid-Direttivi rilevanti, l-emendi ta’ dawn id-definizzjonijiet għandhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2026.

Sabiex l-awtoritajiet ikollhom biżżejjed żmien biex jadattaw is-sistemi u l-prattiki tal-ġbir tad-data tagħhom, il-bidliet li jirriżultaw mill-metodoloġija l-ġdida tal-kontribuzzjonijiet għad-ditti tal-investment tal-klassi 2 u l-obbligu l-ġdid ta’ notifika mill-awtoritajiet superviżorji għandhom japplikaw mill-1 ta’ Jannar 2027.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Għat-tnejn ta’ dan ir-Regolament Delegat, il-Kummissjoni kkonsultat esperti fil-laqgħat tal-Grupp ta’ Esperti dwar is-Settur Bankarju, il-Pagamenti u l-Assigurazzjoni fit-18 ta’

Diċembru 2024, fid-19 ta' Ġunju 2025 u fl-4 ta' Novembru 2025. Fost affarijiet oħra, ir-rwol ta' dan il-Grupp ta' Esperti huwa li jipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri u b'għarfien espert dwar it-tnejn ta' atti delegati. Il-Grupp ta' Esperti jinkludi esperti membri u osservaturi maħtura mill-Parlament Ewropew, mill-Istati Membri, mill-BĊE u mill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (il-Bord). Il-Kummissjoni għabret l-opinjoni tal-membri u l-osservaturi tal-Grupp ta' Esperti qabel il-laqgħat, matulhom u f'tit żmien warajhom u kkunsidrathom għall-abbozzar ta' dan ir-Regolament.

L-ebda valutazzjoni tal-impatt ma hija prevista, minħabba li l-emendi proposti ma għandhom l-ebda impatt ekonomiku sinifikanti. B'mod partikolari, l-emendi proposti sempliċiment jaġġustaw ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat għall-emendi introdotti fil-leġislazzjoni tal-Unjoni mill-BRRD 2, mid-Direttiva dwar il-Katina tad-Dazji, mill-IFR u mill-IFD, u jservu l-oġġettivi tat-tnaqqis tal-piżijiet u tas-simplifikazzjoni.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

Il-punt 1(a) tal-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament jipprovdi l-emendi meħtieġa biex tiġi aġġustata d-definizzjoni ta' ditti tal-investiment fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63 għad-definizzjoni ta' ditti tal-investiment fid-Direttiva 2014/59/UE, filwaqt li jiġu ppreservati l-esklużjonijiet oriġinarjament previsti fir-Regolament Delegat sakemm ma jkunux diġà esklużi mid-Direttiva.

Il-punt 1(b) tal-Artikolu 1 jinkorpora fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament Delegat id-definizzjoni ta' awtorità kompetenti mogħtija s-setgħa twettaq is-superviżjoni tad-ditti tal-investiment, stabbilita fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tad-Direttiva (UE) 2019/2034.

Il-punt 1(c) tal-Artikolu 1 iħassar id-definizzjoni tal-MREL.

Il-punt 2(a) tal-Artikolu 1 iħassar il-punt (a) tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 6, li ppreveda l-indikatur tar-riskju "Fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli tal-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL", fil-pilastru tar-riskju "Skopertura għar-riskju"

Il-punt 2(b) tal-Artikolu 1 jemenda l-paragrafu 4 tal-Artikolu 6 sabiex ibiddel it-terminu "sehem mis-selfiet u d-depożiti interbankarji fl-Unjoni Ewropea, li jindika l-importanza tal-istituzzjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru tal-istabbiliment" b'"ammont totali ta' self u depożiti interbankarji fl-Unjoni Ewropea, li jindika l-importanza tal-istituzzjoni għall-ekonomija tal-Istati Membri ta' stabbiliment".

Il-punt 3 tal-Artikolu 1 jissostitwixxi l-paragrafu 2 tal-Artikolu 7, sabiex jitħassar l-indikatur tar-riskju tal-MREL minn din id-dispożizzjoni, filwaqt li jinżamm l-istess proporzjon ta' piż tar-riskju relattiv bejn it-tliet indikaturi tar-riskju l-oħra fil-pilastru tar-riskju "Skopertura għar-riskju".

Il-punt 4 tal-Artikolu 1 iħassar il-paragrafu 2 tal-Artikolu 8, li jipprevedi l-applikazzjoni, għal kull istituzzjoni li hija parti minn grupp, tal-punteġġ tal-indikatur tar-riskju tal-MREL ikkalkulat għal grupp f'livell konsolidat, f'każ ta' eżenzjoni mill-awtorità kompetenti biex tapplika l-MREL fil-livell individwali.

Il-punt 5 tal-Artikolu 1 iżid Artikolu 11a ġdid. L-Artikolu 11a, il-paragrafu 1 jipprevedi li l-kontribuzzjonijiet tad-ditti tal-investiment awtorizzati u taħt superviżjoni skont id-Direttiva 2014/65/UE u taħt superviżjoni għall-konformità mar-rekwiżiti prudenzjali skont id-Direttiva (UE) 2019/2034, li ma jaqgħux taħt id-deroga prevista fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2019/2033, għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 5 (aġġustament tar-riskju tal-kontribuzzjonijiet annwali bażiċi). L-Artikolu 11a, il-paragrafu 2, jipprevedi żewġ derogi mill-metodu ta' kalkolu ġenerali skont l-Artikolu 5, f'każ li l-awtorità

kompetenti, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-qafas prudenzjali applikabbli, tkun iddeċidiet li tapplika għal ditta tal-investment ir-rekwiżiti aktar stretti tal-kapital u tal-likwidità stabbiliti mid-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013. F'dan il-każ, irid japplika l-metodu ta' aġġustament tar-riskju previst fl-Artikoli 5 sa 9 tar-RD. L-Artikolu 11a, il-paragrafu 3, jipprovdi lil dawn id-ditti tal-investment bl-għażla li jitolbu l-applikazzjoni tal-aġġustament tar-riskju addizzjonali skont l-Artikoli 6 sa 9, jekk dan jirriżulta f'ammont ta' kontribuzzjoni aktar baxx. L-Artikolu 11a, il-paragrafu 4, jipprevedi l-obbligi ta' rapportar għad-ditti tal-investment li jixtiequ jagħmlu użu mill-opzjonalità msemmija fil-paragrafu 3 preċedenti tal-istess Artikolu.

Il-punt 6(a) tal-Artikolu 1 jemenda l-Artikolu 14(3) biex jaġġorna r-referenza skaduta għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 680/2014.

Il-punt 6(b) tal-Artikolu 1 iżid mal-Artikolu 14(5) li, meta l-informazzjoni jew id-data sottomessa lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tkun soġġetta għal aġġornamenti jew korrezzjonijiet, tali aġġornamenti jew korrezzjonijiet iridu jiġu sottomessi fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 17(5). Dan jispeċifika li l-aġġornamenti jew il-korrezzjonijiet huma soġġetti għall-istess limitazzjoni temporali applikabbli għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid u r-reviżjonijiet.

Il-punt 7 tal-Artikolu 1 jipprevedi t-tħassir tal-Artikolu 15 tar-RD, li jistabbilixxi l-obbligu tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jipprovdu lill-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) bl-informazzjoni riċevuta minn istituzzjonijiet u relatata ma' obligazzjonijiet u depożiti interbankarji, għall-fini tal-kalkolu tad-denominatur tal-indikatur "Sehem mis-self u d-depożiti interbankarji" stabbilit fl-Artikolu 6(4).

Il-punt 8 tal-Artikolu 1 iżid paragrafu 5 ġdid mal-Artikolu 17, li jistabbilixxi perjodu ta' limitazzjoni għat-talba ta' dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet ta' informazzjoni sottomessa mill-istituzzjonijiet lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet, kif ukoll għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet mibdija mill-awtoritajiet.

Il-punt 9 tal-Artikolu 1 jemenda l-paragrafu 3 tal-Artikolu 19 biex jistabbilixxi l-obbligu tal-awtorità kompetenti responsabbli mis-superviżjoni tad-ditti tal-investment soġġetti għall-qafas prudenzjali stabbilit mid-Direttiva (UE) 2019/2034 u mir-Regolament (UE) 2019/2033 li tinnotifika lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jekk tkun iddeċidiet, fil-każijiet eċċezzjonali previsti mill-qafas prudenzjali applikabbli, li tapplika għad-ditta tal-investment ir-rekwiżiti aktar stretti tal-kapital u tal-likwidità stabbiliti mid-Direttiva 2013/36/UE u mir-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Il-punt 10 tal-Artikolu 1 iżid paragrafu ġdid mal-Artikolu 20 biex jistabbilixxi skadenza għas-sottomissjoni ta' talba għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet ta' informazzjoni għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali tal-perjodi ta' kontribuzzjonijiet qabel l-2026.

Il-punt 11 tal-Artikolu 1 jemenda l-Anness. L-Anness I Pass 1 tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali fl-Anness I, huwa emendat biex jiġi aġġustat il-Pass 1 għat-tħassir tal-indikatur tar-riskju tal-MREL u għat-tħassir tad-denominatur tal-indikatur "Sehem mis-self u depożiti interbankarji". L-Anness I Pass 4 tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali fl-Anness I huwa emendat biex jiġi aġġustat il-Pass 4 għat-tħassir tal-indikatur tar-riskju tal-MREL u għat-tħassir tad-denominatur tal-indikatur "Sehem mis-self u depożiti interbankarji".

L-Artikolu 2 jiddefinixxi d-dati tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament u tal-applikazzjoni tad-diversi dispożizzjonijiet.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'24.2.2026

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/63 fir-rigward tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ta' ċerti istituzzjonijiet, it-tħassir ta' indikatur tar-riskju u modifiki proċedurali

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 103(7) tagħha,

Billi:

- (1) Il-qafas prudenzjali għad-ditti tal-investment introdott mid-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill² u mir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ jirrikjedi ċerti emendi għar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/63⁴. B'mod partikolari, id-Direttiva (UE) 2019/2034 emendat id-definizzjoni ta' ditti tal-investment stabbilita fid-Direttiva 2014/59/UE. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi emendata d-definizzjoni ta' ditti tal-investment stabbilita fir-Regolament Delegat (UE) 2015/63 kif xieraq. Id-definizzjoni emendata jenħtieġ li tippreserva l-esklużjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/63. Minħabba li d-ditti tal-investment awtorizzati joperaw faċilità multilaterali tan-negozjar mingħajr ma jwettqu attivitajiet rilevanti għar-riskju 3 jew 6 imsemmija fit-Taqsima A tal-Anness I tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ ma għadhomx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni emendata stabbilita fid-Direttiva

¹ ĠU L 173, 12.6.2014, p. 190, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/59/oj>.

² Id-Direttiva (UE) 2019/2034 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-supervizzjoni prudenzjali tad-ditti tal-investment u li jemenda d-Direttivi 2002/87/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE, 2013/36/UE, 2014/59/UE u 2014/65/UE (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 64, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/2034/oj>).

³ Ir-Regolament (UE) 2019/2033 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2019 dwar is-supervizzjoni prudenzjali tad-ditti tal-investment u li jemenda regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 575/2013, (UE) Nru 600/2014 u (UE) Nru 806/2014 (ĠU L 314, 5.12.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/2033/oj>).

⁴ Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU L 11, 17.1.2015, p. 44, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/63/oj).

⁵ Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj>).

2014/59/UE, l-esklużjoni korrispondenti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63 ma għadhiex valida u jenħtieġ li titħassar. B'kuntrast ma' dan, l-esklużjoni ta' ċerti ditti tal-investment b'riskju baxx koperti mill-Artikolu 96(1), il-punti (a) u (b), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ tibqa' meħtieġa biex jinżamm il-kamp ta' applikazzjoni oriġinali tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63. Peress li l-Artikolu 96 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ma baqax japplika mill-1 ta' Jannar 2026, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/63 jinkorpora l-kriterji sostantivi ta' dik id-dispożizzjoni. L-Istati Membri jżommu s-setgħa li jistabbilixxu l-aġġustament tar-riskju għad-ditti tal-investment esklużi msemmija, li huma soġġetti għall-obbligu li jħallsu kontribuzzjonijiet *ex ante* skont l-Artikolu 103(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, iżda huma awtorizzati joffru servizzi u jwettqu attivitajiet limitati biss u mhumiex soġġetti għal ċerti rekwiżiti ta' kapital u likwidità, sabiex ma jitgħabbewx b'mod sproporzjonat. Għalhekk, jenħtieġ li dawk id-ditti tal-investment ikomplu jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63.

- (2) Id-Direttiva (UE) 2019/2034 introduċiet definizzjoni ġdida ta' awtorità kompetenti mogħtija s-setgħa li twettaq superviżjoni tad-ditti tal-investment soġġetti għall-qafas prudenzjali stabbilit f'dik id-Direttiva u fir-Regolament (UE) 2019/2033. Għalhekk, jenħtieġ li d-definizzjoni ta' awtorità kompetenti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/63 tiġi emendata biex tinkludi ż-żewġ awtoritajiet kompetenti, li huma rispettivament mogħtija s-setgħa li jwettqu s-superviżjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu jew tad-ditti tal-investment, kif applikabbli.
- (3) Minħabba l-qafas prudenzjali introdott mid-Direttiva (UE) 2019/2034 u r-Regolament (UE) 2019/2033, id-ditti tal-investment li għandhom assi konsolidati totali taħt ċerti limiti fil-prinċipju ma għadhomx soġġetti għar-rekwiżiti ta' kapital u likwidità stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u għall-obbligi ta' rapportar relatati. Konsegwentement, ħafna mill-metriċi tal-aġġustament tar-riskju stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/63, li huma bbażati fuq tali rekwiżiti, ma għadhomx japplikaw għal dawk id-ditti tal-investment. Dawk id-ditti tal-investment, li huma soġġetti għall-obbligu li jikkontribwixxu għal arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 103(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, ġeneralment ikollhom profil tar-riskju aktar baxx u huma inqas sistemiċi minn ditti tal-investment akbar, u huwa inqas probabbli li jitqiegħdu taħt riżoluzzjoni, peress li huma soġġetti għal rekwiżit ta' spejjeż ġenerali fissi li għandu jippermettilhom jiġu likwidati taħt insolvenza normali f'każ ta' falliment. Għalhekk, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jenħtieġ li dawk id-ditti tal-investment ikunu soġġetti għal kalkolu simplifikat tal-kontribuzzjonijiet tagħhom għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. Huwa xieraq li dawk id-ditti tal-investment jiġu soġġetti biss għall-metodu ta' aġġustament tar-riskju bbażat fuq id-daqs tagħhom (kontribuzzjoni annwali bażika). Sabiex jiġi żgurat li dawk id-ditti tal-investment ma jitpoġġewx fi żvantaġġ meta mqabbla ma' kif jiġu ttrattati skont il-metodoloġija applikabbli għall-

⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj>).

⁷ Id-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE, (ĠU L 176, 27.6.2013, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/36/oj>).

istituzzjonijiet kollha, jenħtieġ li dawk id-ditti tal-investment ikollhom il-possibbiltà jitolbu l-applikazzjoni tal-aġġustament tar-riskju addizzjonali abbażi tal-fatturi tar-riskju, meta l-applikazzjoni ta' dik il-metodoloġija tirriżulta f'ammont ta' kontribuzzjoni aktar baxx. Sabiex l-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni jkunu jistgħu jiddeterminaw liema metodoloġija tirriżulta fil-kontribuzzjoni aktar baxxa, jenħtieġ li f'każijiet bħal dawn id-ditti tal-investment jipprovdu lill-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni bl-informazzjoni meħtieġa. Jenħtieġ li dik l-emenda ma tikkonċernax ditti tal-investment żgħar li bħalissa huma soġġetti għar-reġim ta' somma f'daqqa stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63, li jenħtieġ li jkompli japplika għad-ditti tal-investment li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dak l-Artikolu. Dan huwa ġġustifikat mid-daqs żgħir ħafna ta' dawk id-ditti tal-investment, li jinvolvi probabbiltà aktar baxxa li jitqiegħdu f'rizzoluzzjoni u impatt limitat fuq l-istabbiltà finanzjarja u fuq l-arranġamenti ta' finanzjament ta' rizzoluzzjoni f'każ ta' rizzoluzzjoni.

- (4) Skont il-qafas prudenzjali introdott mid-Direttiva (UE) 2019/2034 u mir-Regolament (UE) 2019/2033, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu madankollu jiddeċiedu, taħt ċerti kundizzjonijiet, li japplikaw ir-rekwiżiti prudenzjali stabbiliti fid-Direttiva 2013/36/UE u fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 anki għal ċerti ditti tal-investment li fil-prinċipju mhumiex soġġetti għal dawk ir-rekwiżiti, fejn tali ditti tal-investment joħolqu riskju oġġla, jew li jippermettu lid-ditti tal-investment japplikaw dawk ir-rekwiżiti prudenzjali. Jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2015/63 iqis dik il-flessibbiltà u f'dawk il-każijiet il-metodu ta' kalkolu tal-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jirrifletti t-trattament prudenzjali ta' dawk id-ditti tal-investment. F'każijiet bħal dawn, id-ditti tal-investment ikkonċernati jenħtieġ li ma jibqgħux soġġetti biss għall-kontribuzzjoni annwali bażika iżda wkoll għall-aġġustament tar-riskju addizzjonali bbażat fuq il-fatturi ta' riskju.
- (5) Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u d-Direttiva (UE) 2024/1174 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ emendaw b'mod estensiv ir-rekwiżit minimu għall-fondi proprji u l-obbligazzjonijiet eliġibbli (MREL) stabbilit fid-Direttiva 2014/59/UE. Bħala konsegwenza ta' dawk l-emendi, il-MREL, oriġinarjament interpretat bħala rekwiżit ġenerali applikabbli għall-istituzzjonijiet kollha, għandu jiffassal għal kull istituzzjoni skont l-istrateġija ta' rizzoluzzjoni speċifika magħżula għall-istituzzjoni jew il-grupp li l-istituzzjoni tkun parti minnu. L-entitajiet ta' likwidazzjoni ma għadhomx soġġetti għall-MREL u fil-każ ta' gruppi, l-istituzzjonijiet jistgħu jkunu jew ma jkunux soġġetti għall-MREL skont jekk humiex entitajiet ta' likwidazzjoni jew ta' rizzoluzzjoni. Barra minn hekk, il-MREL għandu jkun magħmul minn strumenti finanzjarji differenti u għandu jiġi kkalibrat b'mod differenti (MREL estern jew intern) skont jekk l-istituzzjoni tkunx il-punt ta' dħul għar-rizzoluzzjoni tal-grupp jew le. B'rizzultat ta' dan, l-indikatur tar-riskju "Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL" stabbilit fir-Regolament Delegat (UE) 2015/63, bħala parti mill-pilastru tar-riskju "Skopertura għar-riskju", li tfassal għal MREL applikabbli b'mod uniformi għall-istituzzjonijiet kollha, ma għadux adattat għall-istituzzjonijiet kollha biex jaġġusta l-

⁸ Id-Direttiva (UE) 2019/879 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE fir-rigward tal-kapaċità ta' assorbiment tat-telf u ta' rikapitalizzazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kreditu u ditti tal-investment u d-Direttiva 98/26/KE, ĠU L 150, 7.6.2019.

⁹ Id-Direttiva (UE) 2024/1174 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 li temenda d-Direttiva 2014/59/UE u r-Regolament (UE) Nru 806/2014 fir-rigward ta' ċerti aspetti tar-rekwiżit minimu għal fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli (ĠU L, 2024/1174, 22.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1174/oj>).

kontribuzzjonijiet ta' daww l-istituzzjonijiet b'mod proporzjonat mal-profilu tar-riskju tagħhom. B'mod partikolari, dak l-indikatur tar-riskju jista' jippenalizza lill-entitajiet ta' likwidazzjoni, peress li dawn ma jkollhomx MREL. Il-pilastru tar-riskju "Indikaturi tar-riskju addizzjonali li jiġu ddeterminati mill-awtorità tar-risoluzzjoni", li jipprevedi, fost l-oħrajn, l-indikatur tar-riskju ta' riżolvibbiltà, iqis b'mod aktar xieraq l-MREL għall-istituzzjonijiet kollha. L-indikatur tar-riskju "Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL" fil-pilastru tar-riskju "Skopertura għar-riskju", u d-dispożizzjonijiet u r-referenzi relatati, għalhekk jenħtieġ li jitħassru.

- (6) Huwa xieraq li jinżamm piż relattiv ugwali għal kull wieħed mit-tliet indikaturi tar-riskju li jifdal tal-pilastru tar-riskju "Skopertura għar-riskju", li jenħtieġ li jiġu riklassifikati wara t-tħassir tal-indikatur tar-riskju "Fondi proprji u obbligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL", biex jiġi żgurat li s-somma ta' kull wieħed minnhom tammonta għal 1.
- (7) L-esperjenza Prattika fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet matul il-perjodu inizjali, li fih l-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni kellhom jilhqnu l-livell fil-mira, uriet li huwa meħtieġ li jiġi stabbilit limitu ta' żmien għall-possibbiltà li jintalbu dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew revizzjonijiet tal-informazzjoni sottomessa lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà. Jenħtieġ li dak il-limitu ta' żmien jibda fid-data li fiha d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni annwali tiġi nnotifikata lill-istituzzjoni u jenħtieġ li jiskadi fil-31 ta' Jannar tas-sena ta' wara r-raba' perjodu ta' kontribuzzjoni wara l-perjodu ta' kontribuzzjoni li fih tkun saret in-notifika. Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-limitu ta' żmien ma jkunx soġġett għal interruzzjoni.
- (8) Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-perjodi ta' kontribuzzjoni ta' qabel il-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026, jenħtieġ li japplika perjodu ta' limitazzjoni tranżizzjonali għat-talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew revizzjonijiet tal-informazzjoni sottomessa għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali. Għaldaqstant, tali talbiet relatati mal-perjodi ta' kontribuzzjoni li għalihom id-deċiżjoni li tiddetermina l-kontribuzzjoni annwali ġiet innotifikata qabel il-perjodu ta' kontribuzzjoni 2026 jenħtieġ li jkunu ammissibbli biss sal-31 ta' Jannar 2031. Jenħtieġ li l-perjodu ta' limitazzjoni ma jkunx soġġett għal interruzzjoni.
- (9) Il-pilastru tar-riskju "L-importanza tal-istituzzjoni għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew l-ekonomija" jinkludi l-indikatur tar-riskju "Sehem mis-selfiet u d-depożiti interbankarji fl-Unjoni Ewropea, li jindika l-importanza tal-istituzzjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru tal-istabbiliment". L-esperjenza Prattika fil-ġbir tal-kontribuzzjonijiet uriet li ma hemmx bżonn tinġabar data relatata mad-denominatur "Self u depożiti interbankarji totali fl-UE" stabbilit fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2015/63, il-Pass 1 ("Kalkolu tal-Indikaturi Mhux Maħduma"), minħabba li l-istess eżitu, kemm f'termini tal-multiplikatur tal-aġġustament tar-riskju \tilde{R}_n kif ukoll tal-kontribuzzjoni annwali c_n , jinkiseb bin-numeratur ta' dak l-indikatur, jiġifieri l-ammont totali ta' self interbankarju u depożiti interbankarji ta' istituzzjoni. Għalhekk, jenħtieġ li dak id-denominatur jitħassar, flimkien mal-obbligi ta' rapportar korrispondenti tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Ir-referenza għal "sehem" jenħtieġ li tiġi sostitwita b'referenza għall-"ammont totali" ta' self u depożiti interbankarji.
- (10) Huwa meħtieġ li tiġi evitata l-inċertezza legali fir-rigward tal-obbligi ta' rapportar tal-informazzjoni u l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għall-arranġamenti nazzjonali ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni. F'konformità mal-Artikolu 20(1) tar-Regolament

Delegat (UE) 2015/63, meta l-informazzjoni meħtieġa minn indikatur speċifiku ma tkunx inkluża fir-rekwiżit ta' rapportar superviżorju applikabbli għas-sena ta' referenza, dak l-indikatur tar-riskju ma japplikax sakemm dak ir-rekwiżit ta' rapportar superviżorju jsir applikabbli. Ċerta informazzjoni meħtieġa għall-indikatur tar-riskju "Fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli miżmuma mill-istituzzjoni f'eċċess tal-MREL" bdieta tiġi inkluża fir-rekwiżiti ta' rapportar superviżorju applikabbli mit-28 ta' Ġunju 2021. L-emendi estensivi fil-MREL, madankollu, għamluha impossibbli li tinġabar l-informazzjoni uniformi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-indikatur, u b'hekk fixklu l-applikazzjoni uniformi Prattika tiegħu. Sabiex tiġi żgurata minnufih il-konsistenza bejn is-sitwazzjoni legali u fattwali, u biex jiġi evitat il-piż tar-rapportar assoċjat mal-indikatur tar-riskju tal-MREL, jenħtieġ li t-tħassir ta' dak l-indikatur tar-riskju japplika mill-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026 'il quddiem, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2026.

- (11) Sabiex tiġi żgurata s-simplifikazzjoni u jiġu minimizzati kemm jista' jkun malajr il-piżijiet ta' rapportar għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, l-Awtorità Bankarja Ewropea u l-istituzzjonijiet, l-emendi li jikkonċernaw it-tħassir tad-denominatur tal-indikatur "self u depożiti interbankarji", li wera li huwa żejjed, jenħtieġ li japplikaw mill-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026 'il quddiem, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2026.
- (12) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni ċara u prevedibbli tal-perjodi ta' limitazzjoni għat-talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet tal-informazzjoni sottomessa għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali, jenħtieġ li daww il-perjodi ta' limitazzjoni japplikaw mill-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026 'il quddiem, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2026. Il-perjodu ta' limitazzjoni tranżizzjonali, li jstabbilixxi skadenza finali għall-31 ta' Jannar 2031, jenħtieġ li japplika għal talbiet relatati ma' perjodi ta' kontribuzzjoni li jippreċedu l-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026.
- (13) Sabiex l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw is-sistemi u l-prattiki tal-ġbir tad-data tagħhom, l-emendi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tal-metodoloġija l-ġdida għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tad-ditti tal-investment u l-obbligu relatat tal-awtoritajiet superviżorji li jinfurmaw lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li japplikaw mill-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2027 'il quddiem, jiġifieri mill-1 ta' Jannar 2027.
- (14) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2015/63 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq,
ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament Delegat (UE) 2015/63

Ir-Regolament Delegat (UE) 2015/63 huwa emendat kif ġej:

- (1) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-punt (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(2) “ditti tal-investment” tfisser ditti tal-investment kif definiti fl-Artikolu 2(1), il-punt (3), tad-Direttiva 2014/59/UE, minbarra ditti tal-investment li jissodisfaw kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

 - (a) jinnegożjaw f'isimhom stess għar-raġuni unika ta' twettiq jew għall-eżekuzzjoni ta' ordni ta' klijent jew bil-għan li jiksbu aċċess għal sistemi

tal-ikklerjar u saldu jew għal skambju rikonoxxut meta jaġixxu f'kapaċità ta' aġenzija jew jeżegwixxu ordni ta' klijent;

(b) jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) li ma jżommux flus jew titoli tal-klijenti;

(ii) li jwettqu biss negozjar għall-kont proprju;

(iii) li ma jkollhomx klijenti esterni;

(iv) li t-tranżazzjonijiet tagħhom tal-eżekuzzjoni u s-saldu jseħħu taħt ir-responsabbiltà ta' istituzzjoni tal-ikklerjar u jkunu ggarantiti minn dik l-istituzzjoni ta' ikklerjar;"

(b) il-punt (8) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(8) “awtorità kompetenti” tfisser awtorità kompetenti kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (40), tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew awtorità kompetenti kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tad-Direttiva (UE) 2019/2034;”;

(c) il-punt (15) jitħassar;

(2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, il-punt (a) jitħassar;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Il-pilastru ‘L-importanza tal-istituzzjoni għall-istabbiltà tas-sistema finanzjarja jew l-ekonomija’ għandu jikkonsisti mill-indikatur ‘Ammont totali ta’ selfiet u depożiti interbankarji fl-Unjoni Ewropea, li jindika l-importanza tal-istituzzjoni għall-ekonomija tal-Istat Membru tal-istabbiliment’.”;

(3) fl-Artikolu 7, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Kull indikatur tar-riskju fil-pilastru “Skopertura għar-riskju” għandu jkollu ponderazzjoni ugwali.”;

(4) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 jitħassar;

(5) jiddaħħal l-Artikolu 11a li ġej:

“Artikolu 11a

Kontribuzzjonijiet annwali ta' ċerti ditti tal-investment

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10, il-kontribuzzjonijiet annwali tad-ditti tal-investment imsemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament (UE) 2019/2033 li ma jaqgħux taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 1(2) ta' dak ir-Regolament, għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.
2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-kontribuzzjonijiet annwali tad-ditti tal-investment imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkalkolati f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9, meta tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) l-awtorità kompetenti tkun ippermettiet, skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) 2019/2033, li d-ditta tal-investment tapplika r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;
 - (b) l-awtorità kompetenti tkun eżerċitat id-diskrezzjoni, skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034, li tissoġġetta lil dik id-ditta tal-investment għar-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Meta ditta tal-investment imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tipprovdi biżżejjed evidenza li l-ammont tal-kontribuzzjoni kkalkolat f'konformità mal-Artikolu 5 huwa oġġa mill-kontribuzzjoni kkalkolata f'konformità mal-Artikoli 5 sa 9, l-awtorità ta' riżoluzzjoni għandha tapplika l-inqas kontribuzzjoni.
 4. Meta ditta tal-investment imsemmija fil-paragrafu 1 tagħmel użu mill-paragrafu 3, hija għandha tinforma lill-awtorità ta' riżoluzzjoni dwar dan u tipprovdi lil dik l-awtorità ta' riżoluzzjoni bl-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikolu 14(1), (2), (3) u (6), sal-istess skadenzi bħall-iskadenzi previsti fl-Artikolu 14(1) u (4).”;
- (6) L-Artikolu 14 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-informazzjoni msemmija fl-Anness II, inkluża fir-rekwiżiti ta' rapportar superviżorju stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451* jew, fejn applikabbli, minn kwalunkwe rekwiżit ta' rapportar superviżorju ieħor applikabbli għall-istituzzjoni skont il-liġi nazzjonali, għandha tiġi pprovduta lill-awtorità ta' riżoluzzjoni kif irrapportat mill-istituzzjoni fl-aħħar rapport superviżorju rilevanti ppreżentat lill-awtorità kompetenti li jappartjeni għas-sena ta' referenza tad-dikjarazzjoni finanzjarja annwali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar superviżorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014 (ĠU L 97, 19.3.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/451/oj);

(b) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Meta l-informazzjoni jew id-data ppreżentata lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tkun soġġetta għal aġġornamenti jew korrezzjonijiet, dawk l-aġġornamenti jew korrezzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 17(5).”;

(7) l-Artikolu 15 jitħassar;

(8) fl-Artikolu 17 jiżdied il-paragrafu 5 li ġej:

“5. It-talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet ta' informazzjoni sottomessi għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali għandhom ikunu soġġetti għal limitu ta' żmien. Dak il-limitu ta' żmien għandu jibda fid-data li fiha l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jkunu nnotifikaw id-deċiżjoni li tiddetermina l-kontribuzzjoni annwali lill-istituzzjoni skont l-Artikolu 13(1) u (2) u għandu jiskadi fil-31 ta' Jannar tas-sena wara r-raba' perjodu ta' kontribuzzjoni wara l-perjodu ta' kontribuzzjoni li fih tkun ġiet innotifikata dik id-deċiżjoni.

Il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika kemm għal talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet ippreżentati mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 14(5) kif ukoll għal dawk mibdija mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Il-perjodu ta' limitazzjoni ma għandux ikun soġġett għal interruzzjoni.

Meta l-31 ta' Jannar ma jkunx jum ta' negozju, il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiskadi fil-jum ta' negozju li jmiss.”;

(9) fl-Artikolu 19, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni bi kwalunkwe informazzjoni li tippermetti lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jikkalkulaw il-kontribuzzjonijiet annwali, inkluż, b'mod partikolari, dan li ġej:

- (a) kwalunkwe informazzjoni relatata mal-aġġustament tar-riskju addizzjonali;
- (b) kwalunkwe eżenzjoni rilevanti li l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw lill-istituzzjonijiet skont id-Direttiva 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 575/2013;
- (c) kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar l-awtorizzazzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jkunu taw lid-ditti tal-investment skont l-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) 2019/2033; kif ukoll
- (d) kwalunkwe informazzjoni rilevanti dwar deċiżjonijiet meħuda fir-rigward ta' ditti tal-investment skont l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva (UE) 2019/2034.”;

(10) fl-Artikolu 20 jiżdied il-paragrafu 10 li ġej:

“10. B'deroga mill-Artikolu 17(5), it-talbiet għal dikjarazzjonijiet mill-ġdid jew reviżjonijiet tal-informazzjoni sottomessi għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet annwali tal-perjodi ta' kontribuzzjoni qabel il-perjodu ta' kontribuzzjoni tal-2026, għandhom jiġu sottomessi sal-31 ta' Jannar 2031.

Meta l-31 ta' Jannar ma jkunx jum ta' negozju, il-limitu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jiskadi fil-jum ta' negozju li jmiss.

L-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu japplika kemm għat-talbiet ippreżentati mill-istituzzjonijiet skont l-Artikolu 14(5) kif ukoll għal daww mibdija mill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni. Il-perjodu ta' limitazzjoni ma għandux ikun soġġett għal interruzzjoni.”;

(11) L-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2026.

Permezz ta' deroga mit-tieni subparagrafu:

(a) l-Artikolu 1, il-punti (5) u (9) għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2027;

(b) l-Artikolu 1, il-punt (10) għandu japplika minn [UP jekk jogħġbok daħħal id-data = id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 24.2.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN